# ERBA' ANNIVERSARJI

GRAZIO A. GRECH

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Battista qed nerġa' nagħti tagħrif dwar diversi okkażjonijiet festivi li fl-imgħoddi ġew iċċelebrati għall-festa tal-Battista fix-Xewkija.

## 1891 - 130 SENA ILU

L-ewwel tagħrif li ser nagħti hu dwar il-festa tas-sena 1891, 130 sena ilu. Dakinhar, il-parroċċa tax-Xewkija kienet immexxija mill-Kappillan Dun Pietru Pawl Ciantar. Tajjeb li niħnota li fis-sena 1890, il-Kappillan Ciantar kien kabbar il-knisja u bena l-faċċata esterna fuq disinn ta' Dun Ġużepp Diacono.

Fil-festa tas-sena 1891 kienu ntefqu £24 8s 6d. Għat-Tridu u l-Matutin tal-festa l-ħlas kien ta' dsatax-il xelin lil dawk li daqqew il-kontrabaxx, l-offlè u żewġ kantanti. Dun Ġorġ Mercieca, tas-sehem tal-mużika li ħadet sehem matul din il-festa, tħallas is-somma ta' sitt liri, sittax-il xelin u tmien soldi, waqt li Carmelo Falzon, talli xegħel il-faċċata tal-knisja bi tlett elef tazza taż-żejt, sitt piramidi, tmintax–il trofew u xi affarijiet oħra għal żewġ serati, jiġifieri, lejlet u nhar il-festa, tħallas is-somma ta' ħmistax-il lira. Dun Lodoviku Sultana u tliet saċerdoti oħra, tas-servizzi li taw fil-festa, tħallsu s-somma ta' lira, tmien xelini u sitt soldi. Il-paniġierku ta' filgħodu sar minn Mons. Teol. Dun Ġużepp Farrugia, waqt li dak ta' filgħaxija sar minn Patri Kerubinu mill-belt Valletta.

Fil-festi esterni, Carmelo Grech, bħala ħlas tan-nar artifiċjali, tħallas is-somma ta' tliet liri tnax-il xelin u sitt soldi, waqt li l-banda La Stella, ta' żewġ serati, tħallset is-somma ta' ħames liri, sittax-il xelin u tmien soldi.

## 1911 – 110 SENA ILU

Festa oħra li dwarha ser nagħti xi tagħrif hi dik tas-sena 1911 jew aħjar dik ta' 110 snin ilu. Dak iż-żmien, imexxi l-parroċċa arċipretali ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, kien l-Arċipriet Dun Anton Aquilina.

Matul il-jiem tat-Tridu u l-Matutin ħa sehem is-Surmast Agostino Masini u tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' żewġ liri u xelin, waqt li tliet saċerdoti li ħadu sehem fit-Tridu, bejniethom ħadu ħmistax-il xelin. Ħmistax-il xelin tħallsu wkoll tliet kantanti li ħadu sehem matul it-Tridu. Għat-trasport tal-monsinjuri li ħadu sehem fil-quddiesa solenni sar ħlas ta' tlettax-il xelin u għaxar soldi, waqt li sar ħlas ta' ħames xelini b'konnessjoni mal-quddiesa solenni tal-festa. Dak li għamel il-paniġierku ħa lira, waqt li sar ħlas ta' lira u sitt xelini lil sitt saċerdoti barrnin.

Għall-mużika li ħadet sehem matul il-jiem tal-festa sar ħlas ta' seba' liri. Il-pranzu li ngħata laħaq is-somma ta' żewġ liri u tliet xelini u l-banda Leone, tas-servizzi tagħha, tħallset erba' liri. It-trattament li ngħata lill-banda minn Giovanni Mercieca sewa għaxar xelini u sitt soldi. Irrid ninnota hawn li għall-festa tal-Battista tas-sena 1911, kienet ġiet mistiedna l-banda La Valette tal-belt Valletta, iżda din minħabba impenji oħra li kellha m'aċċettatx din l-istedina.

Il-mixegħla qamet is-somma ta' seba' liri, waqt li dak li ġarr l-oġġetti li kellhom x'jaqsmu mal-mixegħla tħallas seba' xelini u għaxar soldi. Għan-nar li ngħata matul il-festa, David Grech tħallas ħames liri u nofs, filwaqt li Ġużeppi Buttigieg, talli spara n-nar, ħa ħdax-il xelin. Erba' permessi tal-pulizija għal din il-festa qamu s-somma ta' erba' xelini u erba' soldi.

## 1931 - 90 SENA ILU

Il-festa tal-Battista tas-sena 1931 ġiet iċċelebrata mit-22 sal-24 ta' Ġunju. Il-Pontifikal sar mill-Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien Mons. M. Gonzi u kien assistit minn erba' monsinjuri tal-Katidral ta' Għawdex. Il-ħlas tal-vetturi li wasslu lill-Isqof u lill-monsinjuri kien ta' sitt xelini. Il-monsinjuri bħala ħlas ingħataw tiġieġa kull wieħed, li dak iż-żmien kienet stmata li tiswa żewġ xelini u nofs-il waħda. Tmintax irbiegħi ħa wkoll ix-xufier li wassal lill-Isqof. F'din il-festa jidher li wkoll ħadu sehem xi saċerdoti mir-Rabat, tant li sar ħlas ta' lira u disa' xelini għal dan il-għan.

Il-mużika li ħadet sehem, kemm fit-Tridu u kemm matul il-jiem tal-festa, kienet dik ta' Mro Anton Buhagiar, li tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' tnax-il lira. Ġorġ Gatt, li ħa sehem fit-Tridu u l-Matutin, ħa żewġ xelini, filwaqt


INNO A
S. GIOVANNI BATTISTA MARTIRE
PROCURSORE DI GESÙ CRISTO

Versi - Serafino Giuseppe Cutajer

*Danza notturna*
*nel palazzo di Erode.*

Il silenzio serale ci invita
Alla vita-coi suoi bei mister;
Ci atteggiamo gioconde alla danza
Con speranza e festosi pensier!

Odi o Sire del canto il bel suono
Che qual tuono n' echeggiano i mar?
Non ti freme, sta sera un fervore
Nel tuo core non senti odorar
I bei serti di fiori e di rose
Che briose-mettemmo sul crin?
Nei bei calici presto versate
Come ondate-di sangue il buon vin!!
Tutto e' vivo il palagio di lumi
E profumi-gratissimi al cor!
Qui' in tripudio la danza arieggia
Ed aleggia-la speme d'amor!

*(Baritono .. Erode .. commosso)*
*(Recitativo)*

Sento nel petto fremere
Al canto tuo giocondo
Di vita un ritmo celere!
Qui nel mio cor profondo
Mille desiri fluttuano
D'imperi e d'amor!

Come dolce e' la vita
O mia favorita,
Domanda un guiderdon!
Come per ricompensa
De la molle ed intensa
Tua lene canzon!

*(Erodiade .. soprano)*

Di Giovanni il sospirato
Almo capo decollato!!!

*(Baritono)*

E fra breve tu l'avrai
In un disco d'argento,
Coperto di spavento
E trionfo ne canterai!

Musica del maestro Andrea Borg.

*(Preghiera del tenore)*
*San Giovanni.*

O Cielo accogli l'anima
Sempre a l'amor tuo desta
None sia in me calpesta
L'orma del mio Signor!

Fa che il suo ferro barbaro
M'apra dei ciel le porte!
L'atra azion de la morte
Aumenti il suo furor!

*(Baritono)*

Destin infausto!... folle
Son io d'una donna schiavo,
O che consiglio pravo
E' questo pien d'orror!

*(Tenore)*

Al Nume de l'Empireo
Chi l'alma rapir puote?
Paventa o Erode misero
L'orrendo suo furor!

*(Decollazione)*
*(Coro - finale - grandioso - sublime)*

Vola, vola o diletto Giovanni
Ne l'Empireo su candidi vanni
Ove grato t'aspetta l'allor,

Educato in celesti aiuole
Dove eterno sfavilla il bel Sole;
Suscitando armonie d'amor!

Vola, vola all'etereo Regno!
Del diletto tuo Nome qual pegno
Noi serbiamo memorian nel cor!

Nihil obstat
Gaudisii, die 21a Maji 1931
Joseph Arcario Pace
Cens. Eccles.

*Innu li żżanżan fl-1931 Inno A S. Giovanni Battista Martire*
*ĦAJR WENZU ZAMMIT HABER.*

li dak li daqq l-offlè u dak li daqq il-kontrabaxx matul il-Matutin tħallsu bejniethom tliet xelini u erba' soldi, waqt li l-organista Ġużeppi Zammit ħa seba' xelini. Il-kantanti Govanni Haber u Francesco Attard tħallsu bejniethom erbatax-il xelin. Mir-reġistru tal-eżitu nsibu wkoll li sar ħlas ta' tmien xelini lill-kor tat-tfal li kien iġib l-isem ta' Laudate Pueri. Sar ukoll ħlas ta' ħames xelini ta' xi kafè li ngħata waqt il-Matutin.

Mill-istess reġistru tal-eżitu nafu li l-mixegħla li kienet saret bil-luċelettrika matul l-aħħar tlett ijiem tal-festa qamet is-somma ta' sittax-il lira. Ġorġ Tabone li xegħel waqt it-Tridu ħa żewġ xelini, waqt li Anton Sacco li xegħel it-tazzi taż-żejt lejlet il-festa, tħallas tliet liri. Jidher li kien sar xi xogħol fuq il-pedestall, tant li l-mastrudaxxa Tabone, tax-xogħol li għamel, tħallas erba' liri u sitt xelini.

Fil-festa ta' San Ġwann tas-sena 1931, is-sehem tal-banda Prekursur ma naqasx, bħalma ma naqasx is-sehem tagħha fis-snin ta' wara f'din il-festa. Fil-festa tal-1931, il-banda Prekursur reġgħet żanżnet xi standardi u esegwiet għall-ewwel darba l-innu li kien ġie mmużikat mis-Surmast tal-banda, Mro Indrì Borg (1885-1971), li l-versi tiegħu huma tal-poeta Għawdxi, is-Sur Ġużeppi Serafino Cutajar (1906-1972), '...la filarmonica Il Precursore eseguirà per la prima volta anche un grandioso inno musicato dal Mro A. Borg su versi di Serafino Cutajar.' Dan l-innu jġib l-isem ta' Inno A San Giovanni Battista Martire. Tajjeb ninnota hawn li l-isem propju ta' Serafino Cutajar kien Ġużeppi u din mhix l-unika darba li rreferew għalih bħala Serafinu. Is-Sur Ġużeppi S. Cutajar kiteb għadd ġmielu ta' poeżiji u għandu wkoll il-kliem ta' diversi innijiet.

Fil-festi ta' barra, barra l-banda Prekursur, ħadet sehem ukoll il-banda Leone, li tas-servizzi li tat tħallset seba' liri. Il-banda Prekursur, tas-sehem tagħha tħallset is-somma ta' tliet liri u tnax-il xelin.

In-nar li ngħata matul il-festa qam ħames liri, waqt li Anġlu Haber u sħabu, tat-tiżjin li għamlu, tħallsu sitt liri.

## 1951 – 70 SENA ILU

L-aħħar anniversarju li ser nagħti tagħrif dwaru hu dak tal-festa tal-Battista tas-sena 1951, li ġiet iċċelebrata mit-22 sal-24 ta Ġunju 1951. Matul in-Novena kienu ħadu sehem diversi kantanti, tant li għal dan il-għan sar ħlas ta' lira. L-organista, tas-sehem tiegħu, tħallas tnax-il xelin u nofs. Dak li wassal bil-vettura liċ-ċelebrant Mons. Celestino Galea Ph.D. għall-festa tħallas ħmistax-il xelin. Il-prietki ta' matul il-jiem tat-Tridu saru minn Patri Ewġenju, Kapuċċin, li ta' dan is-servizz, inkluż il-vettura, tħallas is-somma ta' żewġ liri u ħmistax-il xelin. Il-paniġierku ta' filgħodu ta' nhar il-festa sar minn Patri Accursio Xerri O.F.M, li ħa żewġ liri, waqt li dak ta' filgħaxija sar minn Patri Roberto, Kappuċċin, li ħa lira u ħmistax-il xelin. Għall-konfessuri barranin, vettura u xi affarijiet oħra, tħallset is-somma ta' tliet liri u nofs.

Il-mużika li ħadet sehem matul il-jiem tal-festa kienet dik ta' Mro Ġanni Vella, li ta' seba' servizzi, inkluż il-Matutin, tħallas is-somma ta' sebgħa u tletin lira, waqt li għall-vetturi ta' dawn il-mużiċisti tħallset is-somma ta' erba' liri. Dak li daqq l-ewfonju u dak li daqq il-kontrabaxx matul il-Matutin ħadu bejniethom ħames liri. Ġanni Haber u kantanti oħra li ħadu sehem fil-Matutin tħallsu bejniethom is-somma ta' lira.

Fil-festi esterni kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tar-Rabat, Leone u La Stella. Il-banda Leone ħadet sehem fit-tlett ijiem tal-festa, jiġifieri: fid-dimostrazzjoni, lejlet u nhar il-festa. Lejlet il-festa l-banda Leone daqqet l-innu, La Natività di San Giovanni Battista u tas-servizzi li tat tħallset is-somma ta' £46, waqt li t-tliet bibiti lill-bandisti laħqu s-somma ta' £3 3s. Il-banda La Stella kellha żewġ servizzi, wieħed lejlet u ieħor nhar il-festa u tas-servizzi li tat tħallset is-somma ta' £36, waqt li l-bandisti ngħataw żewġ bibiti li laħqu s-somma ta' £5. Nhar il-festa, kienet il-banda La Stella li daqqet l-Innu l-Kbir tal-Battista. Tajjeb ninnota li l-prova tal-Innu l-Kbir fil-knisja u tal-kunċert laħqu s-somma ta' £8 10s, waqt li l-baritnu ħa £6 10s. Il-ħlas tal-alloġġ tal-kantanti Maltin kien ta' £24s.



Għall-mixegħla ġenerali sar ħlas ta' £42. Kien hemm 680 bozza elettrika bi prezz ta' xelin u tliet soldi kull waħda. Dawk li għamlu kemm xogħol fil-knisja u kemm fil-pjazza tħallsu bejniethom is-somma ta' £25 2s. Il-mastrudaxxa Anton Tabone, ta' tmint ijiem f'xogħlijiet li għamel konnessi għall-aġġustament tal-palk tal-banda tħallas kważi disa' liri u seba' xelini, 'Ad Antonio Tabone, falegname, all'aggiustare il palco della filarmonica, cioè 8 giorni di lavoro (a 13s per giorno) e spese recenti per tale palco.'

Jidher li f'din is-sena ntefqet somma mhux ħażin għal-logħob tan-nar. Fil-fatt, Anton Cilia tħallas is-somma ta' £34 għan-nar tal-art u għall-musketterija ta' lejlet il-festa, waqt li għad-dimostrazzjoni tħallset is-somma ta' £6. In-nar li ngħata matul il-purċissjoni qam is-somma ta' £21, waqt li għall-kaxxa infernali tal-kulur laħqet is-somma ta' £23.

Nota dwar il-flus:
6d = sitt soldi; 1s (xelin) = 12-il sold; £1 (lira) = 20 xelin jew 240 sold.
Fi flus tal-lum xelin (1s) = €0.116; £1 = €2.33


# Il-Prekursur
## Banda u Festa

Nixtiequ ninfurmawkom li għad fadal ftit kopji tal-pubblikazzjoni Il-Prekursur – Banda u Festa kitba ta' Grazio A. Grech. Dan il-ktieb jitratta dwar il-banda Prekursur u l-festi marbuta ma' San Ġwann Battista matul is-snin.

Min jixtieq jakkwista kopja jikkuntattja lil Anthony Grech fuq 79271924.

Il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz ta' €20.

